**28 ta' Novembru, 1960**

**Imħallfin:—**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D., A/President;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.;**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Anthony De Carlo ne.

*versus*

Nina Bartolo ne.

**Institur — "Manager" — Preponent — Art. 64 tal-Kap. 17.**

*L-Institur, jew "manager", ta' azjenda kummerċjali jobliga lill-preponent tiegħu għall-forrituri minnu ordnati għall-azjenda li għaliha hu prepost; u l-preponent hu responsabbli għall-ħlas ta' dawk il-forrituri magħmulin fl-azjenda tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi huwa, b'inkarigu tal-konvenuta fil-kwalità premessa, għamel xogħolijiet ta' attrezzar tat-teatru "Diana", f'Vittoriosa u għandu jieħu s-somma ta' £28.17.6; talab li l-konvenuta tiġi kundannata tħallas lilu s-somma ta' £28.17.6 jew kwalunkwe somma oħra verjuri li tiġi likwidata minn din il-Qorti, jekk ikun hemm bżonn per mezz ta periti nominandi. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-23 ta' Ġunju 1960, li biha ddeċidiet adeżivament għall-istanza, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

L-attur ħa l-odjerna azzjoni kontra l-konvenuta għaliex — hekk iddikjara fl-att taċ-ċitazzjoni — eżegwixxa x-xogħol b'inkarigu tal-istess konvenuta;

Hu xehed ukoll illi x-xogħol ġie lilu ordnat minn żewġ irġiel li ma kienx jaf x'jisimhom, imma kien jaf li keilhom

f'idejhom il-"management" tat-teatru fuq imsemmi. Dawn qalulu li x-xogħol kien qiegħed jiġi ordnat għall-imsemmi teatru tal-konvenuta, u qalulu li Alexander Victor Baldacchino kien it-tekniku li kien qiegħed jiddiriġi x-xogħol, u li kien hu li kien irrikmandah lilhom. Meta eżegwixxa x-xogħol bagħat il-kont lill-konvenuta, ossija, kif qal l-attur, "lid-Diana Cinema";

In segwitu, l-imsemmija żewġ irġiel qalulu li kienu qegħdin jivverifikaw il-kont, u malli jivverifikawh iħallsuh. Meta ra li għadda bosta żmien beda jinsisti għall-ħlas, u dawk l-irġiel dejjem qalulu biex jieħu paċenzja u jistenna. Qatt ma qalulu li kellu jħallas l-imsemmi Baldacchino. Qatt ma għamlulu xi osservazzjoni dwar il-prezzijiet li kienu jidhru fil-kont tiegħu. Dejjem ippromettew li jħallsu dak il-kont (fol. 14 up fol. 15);

L-imsemmijin żewġ irġiel huma Carmel Zahra u Joseph Zammit, li fiż-żmien li fih l-attur eżegwixxa l-imsemmijin *xogħolijiet fit-teatru* "Diana" fuq imsemmi kellhom flimkien id-direzzjoni tal-istess teatru, u t-tnejn innegaw dak kollu li qal l-attur fl-imsemmija depożizzjoni tiegħu;

U difatti Emmanuele Zahra xehed li x-xogħol ġie mogħti lill-attur minn l-imsemmi Baldacchino. Dan kien jgħid . . . :

L-imsemmi Zammit xehed li hu u sieħbu Zahra qabbdu lil Baldacchino għall-eżekuzzjoni tax-xogħol fuq imsemmi, *u l-istess Baldacchino* kellu jaħseb hu biex jqabbad lin-nies u jixtri l-materjal okkorrenti . . . ;

Id-depożizzjoni ta' Baldacchino, iżda, issostni dik tal-attur. Anki dan xehed illi x-xogħol ġie mogħti lill-attur mill-imsemmijin Zahra u Zammit fil-kwalità tagħhom premessa, u li kienu dawn li kellhom iħallsu lill-istess attur;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuta fol. 37, u l-petizzjoni tagħha fol. 38, li biha talbet li s-sentenza fuq imsemmija *tiġi revokata u li d-domanda tiġi miċħuda*; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Is-sentenza appellata hi sewwa. "Ex admissis", Zahra u Zammit kienu l-instituri ("managers") ta' dan it-teatru. Mix-xhieda tal-attur, korroborata minn dik ta' Baldacchino, jirriżulta li kienu huma li ordnaw lill-attur ix-xogħol u l-materjal kalendat fil-kont fol. 5, li hu oġġett tal-istanza; u din il-Qorti, bħal l-Ewwel Onorabbli Qorti, tippreferixxi din il-versjoni bħala aktar attendibbli. Il-konvenuta, għalhekk, bħala preponenti, hi responsabbli għall-fornituri ordnati mill-instituri tagħha u magħmulin għall-post tagħha (art. 64 Kap. 17 Ediz. Riv.; Kollez. Vol. XXI-III-86; XXII-III-150; XXIX-II-703-706);

Għal dawn il-motivi u għal dawk tal-Ewwel Onorabbli Qorti, tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż ta' din u tal-ewwel istanza.